Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9296 — Macquarie/China Investment Corporation/Allianz/Dalmore/INPP/Gas distribution business of National Grid)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 141/06)

1. Fl-10 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Macquarie Group ("Macquarie", l-Awstralja),

— China Investment Corporation ("CIC", iċ-Ċina),

— Allianz SE ("Allianz", il-Ġermanja),

— Dalmore Capital Limited ("Dalmore", ir-Renju Unit),

— International Public Partnerships Limited ("INPP", ir-Renju Unit),

— Gas distribution business of National Grid ("Cadent", ir-Renju Unit).

Macquarie, CIC, Allianz, Dalmore u INPP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Cadent kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Macquarie huwa fornitur dinji ta' servizzi bankarji, finanzjarji, ta' konsulenza, ta' investiment u ta' ġestjoni ta' fondi. Macquarie jikkontrolla l-kumpaniji li għandhom attivitajiet fis-settur tal-gass fir-Renju Unit: (i) Corona Energy, li tis-supplixxi l-gass u l-elettriċità primarjament lis-settur kummerċjali, industrijali u pubbliku fil-Gran Brittanja ("GB"); (ii) Calon Energy, li hija s-sid ta' tliet impjanti tal-enerġija b'ċiklu kkombinat li jaħdmu bil-gass fil-GB; u (iii) Macquarie Energy Leasing, li hija attiva fil-forniment u l-provvista ta' assi tal-metres lill-klijenti fil-GB;

— CIC, inkorporata f'Jannar 2015, tispeċjalizza f'investimenti diretti. CIC għandha kontroll konġunt ta' Neptune Energy Group Limited ("Neptune"), li hija attiva fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass, b'enfasi reġjonali fuq il-Baħar tat-Tramuntana, l-Afrika ta' Fuq, u x-Xlokk tal-Asja;

— Allianz hija grupp ta' servizzi finanzjarji dinji attiva fl-assigurazzjoni u l-ġestjoni tal-assi;

— Dalmore hija kumpanija indipendenti ta' ġestjoni ta' fondi li tiffoka fuq opportunitajiet ta' riskju baxx għal investituri istituzzjonali fis-settur tal-infrastruttura tar-Renju Unit;

— INPP hija kumpanija ta' investiment fl-infrastruttura;

— Cadent huwa magħmul minn erba' mit-tmien networks irregolati tad-distribuzzjoni tal-gass (gass distribution networks, "GDNs") f'partijiet tal-GB, li jkopru territorju ta' servizz definit ġeografikament li jinkludi l-Lvant tal-Ingilterra, in-North London, il-Majjistral tal-Ingilterra u l-West Midlands. Cadent bħalissa huwa kkontrollat b'mod konġunt minn Macquarie u l-Grilja Nazzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 jinħtieġ [2] li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9296 — Macquarie/China Investment Corporation/Allianz/Dalmore/INPP/Gas distribution business of National Grid

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË